# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 960/00mm**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

1. **Carmelo u Maria Rosaria mizzewgin Agius u**
2. **Loreto u Maria Rosaria mizzewgin Ciantar**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti flimkien u "in solidum" bejnithom, u dan skond garanzija solidali ta' Loreto u Maria

Rosaria mizzewgin Ciantar kif jidher mid-Dokument immarkat Dok "A", ghall-hlas lis-socjeta' attrici tas-somma ta' tliet mija u tlieta u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm333.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenuti Carmelo u Maria Rosaria Agius mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa' B2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April, 2000, sal-jum tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez  inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Marzu, 1999, (Dok "C" u "D") u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fis-26 ta' April, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tistoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra l-konvenuti flimkien u "in solidum" bejnithom.